# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1120/2019 RGM**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali 4308/2019 tas-6 ta' Novembru 2019, fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**v.**

**Carmel *sive* Charles Borg f'ismu personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Aluminium Extrusions Limited (C-7322)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat eżekutat Charles Borġ, fil-kwalita` tiegħu premessa, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza

appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti sabet li r-rikors promotur huwa null u ħelset lill-Kummissarju intimat eżekutant mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għar-rikorrent eżekutat *proprio* u *nomine* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant");

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-appellant jgħid li l-Ittra Uffiċjali bin-numru 4308/2019 li biha l-Kummissarju eżekutant (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") talab mingħandu l-ħlas ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija u tnejn u tletin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€84,632.54), li jsejħilha "Avviż", ma tiswiex billi ma turix l-ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti u lanqas tixhed li l-appellant kien notifikat kif titlob il-liġi. Iżid jgħid li l-istess att huwa nieqes ukoll mill-formalita` billi ma javżax biż-żmien li fih l-appellant eżekutat seta' jikkontesta l-pretensjoni mressqa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju mittent. Dan iwassal għal ksur tal-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq kif imħares kemm taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellant jikkontesta wkoll il-mertu billi jgħid li l-ammont mitlub tħallas. Talab għaldaqstant li l-Qorti ssib li l-Avviż ma jimxix mal-formalitajiet meħtieġa mil-liġi, tiddikjarah null u monk, u għaldaqstant null u bla effett. Issib ukoll li l-ammont pretiż mill-Kummissarju mhux dovut. Talab ukoll l-ispejjeż;

3. Illi fit-Tweġiba, il-Kummissarju laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-att li bih inbdiet din il-proċedura ma jiswiex għaliex ma sarx fl-għamla li trid il-liġi. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet oħra li jissemmew fl-istess Tweġiba;

4. Illi permezz ta' degriet tal-11 ta' Frar, 2020[1], l-ewwel Qorti ordnat li tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju appellat dwar is-siwi tal-att promotur;

5. Illi biex waslet għas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *"Illi skont l-ittra ufficcjali tas-6 ta' Novembru 2019, il-Kummissarju sejjes l-imsemmi att gudizzjarju fuq l-**Artikolu 59 tal-Kapitolu 406** u cioe l-artikolu li jirregola l-kostituzzjoni ta' titolu ezekuttiv favur il-konvenut dwar hlas ta` taxxa u penali amministrattiva. Dan l-artikolu jaqra hekk:*
>
>> *"(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>>
>> *"(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-*

[1] Paġ. 20 tal-proċess

*każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*

*"(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[2] għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel."*

*"Ifisser ghalhekk li l-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 406 jipprovdi illi Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti għandhom, sakemm mhux ikkontestati, "jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili." Sussegwentement Artikolu 59 (2) jipprovdi ghall-zewg stadji fil-gbir ta' tali taxxa in segwietu ghall-Avviz tal-hlas: (a) l-ewwel stadju huwa fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jitlob il-hlas permezz ta' Talba ghall-Hlas, liema hlas ghandu jsir fi zmien 30 gurnata; (b) it-tieni stadju huwa meta, wara li jiskadu t-tletin gurnata u ma jsirx hlas, il-Kummissarju tat-Taxxa jinnotifika t-Talba ghall-Hlas permezz ta' att gudizzjarju li, wara jumejn min-notifika, jippermetti lill-Kummissarju tat-Taxxi jigbor il-flejjes dovuti dejjem bis-sahha tat-titolu ezekuttiv li akkwista bl-avviz imsemmi taht l-ewwel sub-artikolu.*

*"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-Kummissarju tat-Taxxi rrileva li skont l-Artikolu 161 tal-Kapitolu 12, il-procediment ordinarju jesigi li jsir permezz ta' rikors guramentat[3]. Ikompli jghid li l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma jahsibx li l-ittra ufficjali tista' tigi opposta b'rikors semplici mhux guramentat.*

*"Min-naha l-ohra l-attur pro et noe fin-nota ta' sottomissjonijiet jinsisti li t-talba tieghu qieghda ssir a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 u dan stante li l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma tistabbilixxix procedura li bija debitur jista' jikkontesta l-ittra ufficcjali tal-Kummissarju tat-Taxxi. Id-dispozizzjoni li ghaliha jirreferi l-attur taqra kif gej:*

*"(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz,*

---

[2] Dan l-artikolu gie mhassar bl-att XVII.2017.84.

[3] Artikolu 161 tal-Kapitolu 12 li jipprovdi fost ohrajn li:
"(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.
(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi."

*provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*[...]*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

*(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.*

*(4) F'kazijiet ta' xorta urgenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra."*

*"Ikkunsidrat*

*"Il-pern tal-eccezzjoni li qieghda tkun deciza llum hija jekk l-istanza promossa mill-attur pro et noe kellhiex ssir b`rikors guramentat inkella b'rikors semplici. Il-gurisprudenza hija wahda kopjuza f'dan ir-rigward. Il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza* ***Dorothy Vassallo pro et noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** *(Rik Nru 103/2013 AE) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2013*[4] *fejn gie ennuncjat is-segwenti:*

*"Il-Qorti tosserva li:-*

*i. Mill-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013 hu evidenti li ma gietx prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali stess l-intimat iddikjara li kienet qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406.*
*ii. Id-differenza fiz-zewg kazijiet hi li taht:-*

---

[4] Ara wkoll **Joseph Vassallo pro et noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 102/2013 AE) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-20 ta' Mejju 2013; **David Grech et vs. Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 366/2016 AF) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-16 t'Ottubru 2017; **Outwest Ltd vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 994/2016 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-27 ta' Marzu 2018 (pendenti appell); **Il-Kummissarju tat-Taxxi vs. Anthony Mercieca** (Rik Nru 187/2016 JVC) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) fis-17 t'April 2018; **Kummissarju tat-Taxxi vs. David Agius** (Rik 79/2019 JZM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fil-31 t'Ottubru 2019.

*(a) L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 – it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni guramentata li jaghmel il-kap tad-dipartiment.*
*(b) L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 – it-titolu ezekuttiv hu l-avviz li jinhareg mill-intimat li jkun juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.*

*"Hu evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kontemplata fl-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax. Il-qorti tkompli tosserva kif fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 m'hemmx provvediment li jaghmel l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 applikabbli ghal finijiet ta' kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv li jitnissel b'applikazzjoni tal-Artikolu 59.*

*"Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jipprovaw ihassru l-effetti tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2013. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni* ***Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud*** *tat-30 ta' Settembru 2010, fejn gie dikjarat kif gej:*

*".... Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mil-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu.*

*"Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-Art. 466 tal-Kap. 12.*

*"Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir-ragunijiet –*
*"1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma addotax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art. 466.*
*"2) L-ittri ufficjali fol. 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjrazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l-artikolu.*

*Omissis*

*"L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-Art. [59] tal-Kap. 406.*

*"Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ottenut titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art. 59.".*

*"Sentenza li ghandha l-fatti speci simili ghal kaz odjern hija dik fl-ismijiet* ***Carmlu Ltd vs. Kummissarju tat-Taxxi*** *(Rik Nru 1268/2008 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla tal-20 t'Ottubru 2009 fejn gie spjegat:*

> *"Illi **għal dak li jirrigwarda n-nullita' tal-att għaliex sar bi ksur ta' forma meħtieġa mil-liġi** l-intimat iqis li tali nuqqas seħħ għaliex il-kumpannija rikorrenti mexxiet din il-kawża b'sempliċi rikors, minflok b'Rikors Maħluf. L-eċċezzjoni għalhekk tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad ukoll li, f'dan ir-rigward, l-intimat jipprova jħaddem difiża b'żewġ miri: l-ewwel waħda trid li l-kumpannija rikorrenti m'għandha l-ebda rimedju biex tattakka l-kont mibgħut lilha ladarba dan sar titolu eżekuttiv bis-saħħa tal-liġi; it-tieni waħda hi li l-proċedura magħżula mill-kumpannija rikorrenti m'hijiex dik li trid il-liġi. Għal raġunijiet ovvji, l-Qorti sejra tqis biss it-tieni linja ta' difiża, għaliex l-ewwel waħda m'hijiex daqstant raġuni ta' eċċezzjoni preliminari formali dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju magħżul mill-kumpannija rikorrenti, iżda attakk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet tagħha fil-mertu;*
>
> *[...]*
>
> *"Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti la hija mressqa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-artikolu 281 tal-istess Kodiċi. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekuttivi u mhux titoli eżekuttivi li jkunu diġa' miksuba[5]. Min-naħa l-oħra, ladarba l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti hija dik li tattakka l-"pretensjoni dedotta fl-ittra uffiċjali" (jiġifieri l-ammont mitlub fl-ATĦ [Avviz tal-Hlas]), allura l-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-intimat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors Maħluf kif jipprovdi l-artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura [Ara P.A. GCD **30.4.2009** fil-kawżi **Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** u **Joseph Camenzuli vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** (appellati)];*
>
> *"Illi jidher mad-daqqa t'għajn li l-att ġudizzjarju mressaq mill-kumpannija rikorrenti bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala Rikors Maħluf. F'dan il-każ, minħabba dan in-nuqqas, jgħodd dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 164(1) tal-Kap 12, marbut ma' dak li jrid l-artikolu 789(1)(d) tal-istess Kodiċi. Fil-każ partikolari, lanqas jidher li jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-proviso tal-imsemmi artikolu 789(1), jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid;"*

*"Ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma jirrizultax illi r-rikorrent pro et noe jista' jitlob b'rikors semplici sabiex il-Qorti tissindika t-titolu*

[5] Dwar l-inapplikabbilita tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **Henry Peter Copperstone v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Avviz Nru 207/2011 GG) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Ottubru 2012.

*ezekuttiv ottjenut mal-hrug mill-intimat tal-Avviz taht l-Artikolu 59 (1) u rez ezegwibbli bl-ittra ufficcjali tas-6 ta' Novembru 2019. M'hemmx dubju illi din l-ittra ufficcjali ma saritx a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 bhal kif donnu qieghed jinsisti r-rikorrent pro et noe, izda saret ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406. Ghaldaqstant jekk l-attur ried jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat kien jehtieglu li jistitwixxi l-azzjoni tieghu bil-mezz ta' rikors guramentat fit-termini tal-Artikolu 161 tal-Kapitolu 12 u mhux b'rikors semplici.*

*"Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat tirrizulta li hi fondata."*;

6. Illi b'Rikors tal-Appell tas-16 ta' Lulju, 2020, l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u minflok tiċħad u tiskarta l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawża, bl-ispejjeż;

7. Illi permezz ta' Risposta tas-6 ta' Awwissu, 2020, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Kummissarju warrab l-aggravji mressqa mill-appellant u talab li, filwaqt li l-appell jiġi miċħud, is-sentenza appellata tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2020, f'liema data ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din hija kawża li biha l-appellant ried jattakka u jwaqqa' talba magħmula f'ittra uffiċjali mibgħuta lilu mill-Kummissarju kemm f'ismu personali u kif ukoll lilu bħala direttur tal-kumpanija Aluminium Extrusions Limited għall-finijiet tal-Artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[6], u għat-tħassir tat-titolu eżekuttiv vantat mill-istess Kummissarju fil-konfront tiegħu u tal-imsemmija kumpanija. L-appellant jgħid li l-ittra uffiċjali li biha l-Kummissarju talab mingħandu l-ħlas ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija u tnejn u eletin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€84,632.54), ma tiswiex għaliex, fost oħrajn, nieqsa mill-formalita` meħtieġa li twassal għal ksur tal-jeddijiet tiegħu ta' smigħ xieraq kif imħarsin kemm taħt il-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. Jgħid ukoll li l-ammont mitlub mhux dovut. Talab li l-Ittra Uffiċjali tinstab ma tiswiex, u għaldaqstant null u bla effett, kif ukoll li l-ammont pretiż mhux dovut. L-ewwel Qorti sabet li l-kawża kif imressqa hija nulla billi tressqet b'rikors sempliċi flok b'rikors ġuramentat;

11. Illi l-appellant iressaq **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: l-ewwel, li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-azzjoni kellha titressaq b'rikors maħluf minflok b'rikors sempliċi; it-tieni, li l-ewwel Qorti b'mod prematur naqset li tapprezza li l-appellant qed jikkontesta l-ittra uffiċjali nnifisha, għalaqstant l-ewwel Qorti kellha tiskarta l-ewwel eċċezzjoni tal-

[6] Att XXIII tal-1998 (Kap 406)

appellat; it-tielet aggravju, marbut maż-żewġ aggravji ta' qablu, jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż;

12. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, din il-Qorti trid tqis x'kienet tgħid sewwa l-eċċezzjoni li dwarha ngħatat is-sentenza appellata u kif ukoll liema kien l-att li l-appellant ried jattakka meta ressaq din il-kawża. Huwa ċar li l-kwestjoni tintrabat mal-proċedura magħżula mill-appellant u dwar jekk hijiex dik li trid il-liġi. Dan qiegħed jingħad għaliex, f'dan l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jagħmilha ċara li huwa ressaq l-azzjoni tiegħu taħt is-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed jilmenta li l-ewwel Qorti ma żammitx ma' dak li kienet tgħid l-ewwel eċċezzjoni. Mis-sottomissjonijiet tiegħu fir-Rikors tal-Appell u wkoll minn dawk li ressaq quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, huwa ċar li l-appellant ried jattakka l-ittra uffiċjali[7], kif tixhed l-intestatura tal-proċedura tallum. L-appellant jisħaq li hija l-liġi nnifisha li titlob li azzjoni taħt l-Artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Organizżazzjoni u Proċedura Ċivili tinbeda b'rikors, u għalhekk, l-eċċezzjoni mqajma mill-Kummissarju ma messhiex intlaqgħet;

13. Illi, min-naħa tiegħu, il-Kummissarju jgħid li l-proċedura mnedija mill-appellant kienet ħażina, għaliex l-att li kien qiegħed jattakka ma jaqax fost dawk id-dikjarazzjonijiet li jaħseb għalihom l-Artikolu 466 fuq

[7] Ara Dok "X", f'paġ. 7 tal-proċess

imsemmi. Minħabba f'hekk, jisħaq li l-ewwel Qorti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-att;

14. Illi l-liġi tgħid li, bla ħsara għal meta att jista' jissewwa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ikun hemm nullita` jekk kawża li jmissha tinġieb b'rikors maħluf, tinġieb minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor[8]. Il-liġi tgħid ukoll li, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors maħluf[9] u jista' jitmexxa b'rikors sempliċi f'każijiet preskritti bi jew skond xi liġi[10];

15. Illi, min-naħa l-oħra, il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox sieket dwar kif tista' ssir oppożizzjoni għall-att ġudizzjarju (f'dan il-każ, ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta lill-appellant mertu tal-kawża) li jintbagħat lil persuna taxxabbli. Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li att li bih tali persuna tkun trid tilqa' għat-talba tal-ħlas irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors sempliċi la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn dik il-liġi speċjali;

16. Illi l-appellant jgħid li l-azzjoni tressqet taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant mhux il-każ li l-azzjoni

[8] Art. 164(1) tal-Kap 12
[9] Art. 161(1) tal-Kap 12
[10] Art. 161(2) tal-Kap 12

kellha tinbeda b'rikors maħluf[11]. Il-Qorti tifhem l-argument tal-appellant iżda, fil-fehma tagħha, ma ssibux tajjeb biżżejjed biex isostni l-aggravju tiegħu. Dan jingħad għaliex in-nullita` eċċepita mill-Kummissarju tirrigwarda l-effikaċja tal-proċedura magħżula mill-appellant. Formalment, ma hemmx dubju li proċedura mressqa taħt l-imsemmi artikolu titressaq b'rikors sempliċi. Imma l-eċċezzjoni attakkata kellha – kif l-ewwel Qorti tabilħaqq għamlet – tħares lejn dak li l-appellant kien ippremetta u talab fl-att li bih fetaħ din il-kawża. L-eżami li wettqet l-ewwel Qorti biex tqis is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari li qajjem il-Kummissarju kellu jsir fil-qafas ta' dawk il-premessi u tat-talbiet li ħarġu minnhom. Huwa ċar li l-għan tal-appellant ma kienx li jsib nullità formali fl-ittra uffiċjali li ntbagħtet, imma li jattakka s-siwi u l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv tal-istess Kummissarju[12];

17. Illi l-att ġudizzjarju li bih ġie notifikat l-appellant inħareġ skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jissemma b'mod espress f'dak l-att ġudizzjarju. Meta l-Kummissarju ħareġ dik l-ittra, huwa kien igawdi diġa` titolu eżekuttiv minn żmien qabel bagħat dak l-att u dan bis-saħħa tal-Avviż tal-Ħlas li kien intbagħat lill-appellant. Fl-ittra uffiċjali l-Kummissarju jagħti jumejn żmien lill-appellant sabiex iħallas l-ammont mitlub, liema żmien joħroġ mis-subinċiż (2) tal-

[11] Ara Rikors tal-Appell f'paġ. 57 tal-proċess
[12] Ara l-ewwel talba

Artikolu 59, u fin-nuqqas kien ser jipproċedi biex jeżegwixxi t-titolu li diġa` għandu;

18. Illi, għall-kuntrarju, il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandha l-għan li żżomm milli pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern magħmula b'att ġudizzjarju li miegħu jkollu mehmuża dikjarazzjoni maħlufa ssir titolu eżekuttiv, fejn it-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix. Għalhekk, l-ittra uffiċjali mibgħuta taħt l-Artikolu 466(2) hija att meħtieġ li takkumpanja pretensjoni li ssir titolu eżekuttiv jekk ma tkunx attakkata fiż-żmien; filwaqt li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Kummissarju taħt l-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 hija waħda mitluba mil-liġi[13] biex titolu eżekuttiv li m'huwiex sentenza jista' jsir eżegwibbli. F'dan il-każ, il-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors maħluf kif jipprovdi l-Artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura[14], għaliex dan huwa l-mod li wieħed jista' jattakka s-siwi ta' titolu eżekuttiv;

19. Illi fiċ-ċirkostanzi, jgħodd dak li jgħid l-Artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 marbut ma' dak li jrid l-Artikolu 789(1) tal-istess Kodiċi. L-anqas jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-*proviso* tal-

---

[13] Art. 256(2) tal-Kap 12
[14] PA GCD **20.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camenzuli v. Kummissarju tat-Taxxi Interni***

imsemmi Artikolu 789(1) jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid. Għandu jingħad li, sa dakinhar li tressaq ir-rikors promotur, din il-kwestjoni kienet mistħarrġa mill-Qrati fuq medda ta' żmien[15] u ngħataw deċiżjonijiet fil-biċċa l-kbira konsistenti ma' xulxin (kif ukoll rilevati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata);

20. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ser jintlaqa';

21. Illi dwar **it-tieni aggravju**, l-appellant jgħid li qabel ma l-ewwel Qorti qieset l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Kummissarju appellat, messha qieset ix-xilja marbuta man-nullita` tal-Ittra Uffiċjali għar-raġunijiet li l-appellant isemmi fl-istess Rikors, fost oħrajn li l-Avviż imsemmi fl-Ittra Uffiċjali ma josservax il-formalitajiet meħtieġa mil-liġi u li l-appellant ma ġiex avżat bit-termini kontemplati fil-liġi sabiex seta' jressaq kontestazzjoni, kif ukoll li l-ammont mhux dovut għax tħallas;

22. Illi għal darb'oħra, il-Qorti tqis li dan l-argument mhux mistħoqq. Fir-rigward tal-ammont li mhux dovut, ingħad li *"Jekk ir-rikorrent kien tal-fehma illi l-ammonti pretiżi minnu ma kinux dovuti, ma kellux jirreġistra l-oppożizzjoni tiegħu wara li t-titoli eżekuttivi kienu diġà resi eżegwibbli. Il-*

[15] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** ; u P.A. AE **20.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vassallo pro et noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** fost oħrajn

*kawża tal-lum ma tistax isservi lir-rikorrent bħala pretest sabiex jiskansa l-eventwali preżentata ta' mandati eżekuttivi kontrieh*[16]". Dwar ix-xilja ta' ksur ta' liġi mill-Kummissarju appellant, il-Qorti tosserva li l-Kapitolu 406[17] jipprovdi mezzi proċedurali ċari u aċċessibbli biżżejjed dwar kif l-ilment ta' persuna taxxabbli tista' tattakka stejjem jew talbiet għall-ħlas magħmulin mill-Kummissarju. Iżżid tgħid ukoll li safejn l-azzjoni tal-appellant kienet maħsuba biex tattakka s-siwi tal-ittra uffiċjali li ntbagħtitlu, dan ukoll ma setax isir bil-proċedura tar-rikors maħsub fl-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma mod ieħor imfisser aktar qabel. Daqstant ieħor ma jgħoddx l-ilment tal-appellant għal dak li jirrigwarda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward, u bla ma toqgħod ittawwal b'ħafna ċitazzjonijiet u kummenti, tirreferi għal dak li din il-Qorti (diversament komposta) kellha xi tgħid meta tqajjem l-istess ilment f'każ bħal dan[18];

23. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li ma ntwera bl-ebda mod li l-ewwel Qorti għamlet eżerċizzju ħażin li qieset l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju appellat mill-perspettiva li qisitha u li skartat il-bqija tal-ilmenti tal-appellant;

[16] PA JZM **30.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.9.2016**)
[17] Ara l-artt 44 sa 47 tal-Kap. 406
[18] App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni***

24. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas it-tieni aggravju m'għandu jintlaqa' u ser tiċħdu;

25. Illi **t-tielet aggravju** jolqot il-kwestjoni dwar kif l-ewwel Qorti ordnat il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża. L-ewwel Qorti sabet li l-ispejjeż għandu jħallashom l-appellant. Huwa nnifsu jqis dan l-aggravju bħala "konsegwenzjali għall-ewwel żewġ aggravji"[19];

26. Illi ladarba din il-Qorti waslet għall-fehma li l-ewwel żewġ aggravji ma kienx jistħoqqilhom jintlaqgħu u ladarba tqis li l-appellant ma ġabx raġunijiet tajbin għalfejn din il-Qorti għandha titbiegħed minn dak li ordnat l-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż (li, wara kollox, kien mibni fuq is-sejba li l-proċedura mnedija mill-appellant ma kinitx tajba), dan iwassalha biex tiċħad dan it-tielet aggravju wkoll;

***Deċide:***

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**tiċħad l-appell** tar-rikorrent eżekutat *proprio* u *nomine* mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020, fl-atti tal-Ittra

[19] Paġ. 61 tal-proċess

Uffiċjali fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha għal kollox, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant.

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr